

# PARIRI BIEX TIPPROTEĠI LILEK INNIFSEK META TAGĦŻEL SERVIZZI BANKARJI ONLINE JEW MOBBLI


## QABEL TAGĦŻEL SERVIZZ



Identifika l-ħtiġijiet finanzjarji tiegħek



Igħbor l-informazzjoni dwar is-servizzi u aqraha bir-reqqa




Ivverifika jekk is-servizzi jisso-disfawx il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet finanzjarji tiegħek



Qabbel l-offerti minn fornituri ta' servizzi bankarji differenti

## META TIKKONKLUDI FTEHIM GĦAL SERVIZZ PARTIKOLARI

### 1 AQRA U IFHEM IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET QABEL TIFIRMA



- ✓ Itlob lill-fornitur biex jagħmel l-informazzjoni prekontrattwali dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħek disponibbli għalik kif inhu meħtieġ li jagħmel;
- ✓ Niżżel id-dokumenti u ssejvjahom jew stampahom għal referenza fil-futur;
- ✓ Fhares lejn il-karatteristiċi tas-servizz, it-tul ta' żmien tal-kuntratt, l-ispiża totali u kwalunkwe ħlas addizzjonali, u, jekk applikabbli, il-kundizzjonijiet tad-dritt tiegħek li tirtira;
- ✓ Kun ċert li tifhem l-implikazzjonijiet tal-impenn finanzjarju tiegħek (pereżempju, x'jiġri jekk l-affarijiet imorru ħażin?);
- ✓ Staqsi lill-fornitur għal kjarifiki jekk m'intix ċert dwar kwalunkwe dettall partikolari.

### 2 AGĦTI ATTENZJONI PARTIKOLARI LIT-TARIFFI U L-ĦLASIJET KOLLHA



- ✓ Ftu biżżejjed ħin biex tirrieżamina l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-ftehim u l-lista kollha tal-prezzijiet;
- ✓ Iffoka mhux biss fuq it-tariffi applikabbli għas-servizz/għall-pakkett ewlieni, iżda vverifika wkoll il-ħlasijiet, inklużi t-tariffi standard u l-ispejjeż ta' servizzi addizzjonali;
- ✓ Fejn disponibbli, uża "indikatur tal-kost totali" (eż. ir-rata perċentwali annwali) biex tqabbel l-għażliet differenti.

### 3 AĦSEB DWAR IS-SIGURTÀ



- ✓ Ifhem kif l-informazzjoni personali tiegħek se tiġi ttrattata u protetta skont il-ftehim;
- ✓ vverifika l-identità, id-dettalji ta' kuntatt u l-istatus legali tal-fornitur u jekk huwiex awtorizzat li jipprovdi s-servizzi, biex tevita li taqa' vittma ta' frodi;
- ✓ Ipproteġi d-dettalji personali jew il-kredenzjali ta' sigurtà tiegħek biex twaqqaf lill-kriminali milli jaċċessaw il-kont tiegħek f'ismek. Tista' tagħmel dan billi tagħmel fornituri li jużaw metodi b'saħħithom ta' awtentikazzjoni, toħroġ mis-sessjoni tiegħek, tuża konnessjonijiet tal-Wi-Fi sikuri, passwords u PINs b'saħħithom, u billi żżomm is-sistema operattiva u s-sofтвер tal-antivirus tiegħek aġġornati;
- ✓ Immonitorja u rrapporta attività suspettuża fuq il-kont tiegħek jew aċċess mhux awtorizzat mill-aktar fis possibbli, sabiej tippermetti lill-fornitur jieħu l-passi meħtieġa immedjatament.

### 4 RESSAQ ILMENT JEKK TAĦSEB LI D-DRITTIJET TIEGĦEK ĠEW MIĊĦUDA



- ✓ L-ewwel nett, ipprova solvi l-problema inti stess billi tikteb direttament lill-fornitur. Il-pjattaforma [Ewropea għas-soluzzjoni online għat-tilwim \(ODR\)](#) tista' tintuża wkoll biex tibgħat l-ilment tiegħek direttament lill-fornitur, għal kwalunkwe servizz mixtri online.
- ✓ Jekk il-fornitur ma jwiegħibx jew m'intix sodisfatt bit-tweġiba tiegħu, tista' tikkunsidra:
  - (i) l-approċċ lejn skema għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, bħal ombudsman finanzjarju, bl-użu tal-pjattaforma [Ewropea tal-ODR](#) biex tikseb il-korp it-tajjeb biex isolvilek it-tilwima;
  - (ii) l-użu tan-[netwerk FIN-NET](#) jew f'pajjiżek stess, jew fil-pajjiż tal-fornitur tiegħek, biex tressaq ilment kontra fornitur f'pajjiż ieħor tal-UE/taż-ŻEE;
- ✓ Ikkunsidra li tiegħu azzjonijiet legali fil-qradi nazzjonali tiegħek;